A.L. 355 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Youth Ministry taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Youth Ministry taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Youth Ministry;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għas-Certificate in Youth Ministry; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għandhom jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju mgħallma fl-oqsma ta' studju li ġejjin: Self-Development, Foundations in Youth Ministry, u Community Building Skills, li għalihom hemm assenjati 30 kredtu.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għaċ-Ċertifikat, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat, fil-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Valutazzjoni

7. (1) Il-livell milħuq mill-istudenti f'kull taqsima studju jingħata b'marki u gradi skond ir-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti li jeħlu f'valutazzjoni supplimentari jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.